

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ġunju 2018 – OW vs EASA**(Kawża T-597/16) <sup>(1)</sup>**(“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Assenjazzjoni fl-interess tas-servizz — Trasferiment lejn pożizzjoni ġdida — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Dritt tad-difiża — Użu ħażin ta' poter”)**

(2018/C 259/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: OW (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (rappreżentanti: inizjalment F. Manuhutu u A. Haug, sussegwentement A. Haug, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni 2015/155/ED tal-20 ta' Lulju 2015, li permezz tagħha d-direttur eżekuttiv tal-EASA assenja lir-rikorrent f'pożizzjoni ġdida.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) OW huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 296, 16.8.2016 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-27/16 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ġunju 2018 – Sipral World vs EUIPO – La Dolfina (DOLFINA)**(Kawża T-882/16) <sup>(1)</sup>**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta' skadenza — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea DOLFINA — Assenza ta' użu ġewwin mit-trade mark — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001)”)**

(2018/C 259/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Sipral World, SL (Barcellona, Spanja) (rappreżentanti: R. Almaraz Palmero u A. Ruo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Ivanauskas u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: La Dolfina, SA (Buenos Aires, l-Arġentina) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Settembru 2016 (Każ R 1897/2015-2) dwar proċedimenti ta' skadenza bejn La Dolfina u Sipral World.